\- *ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –*

\- *ARTIKOLU 19 (1) (C) u (D) TAL-KAP 255 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002

**Kawza Numru: 69**
**Citazzjoni Numru: 904/98/RCP**

**Michael Farrugia**

**vs**

**Liliana Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi huwa kien izzewweg lill-konvenuta Liliana Farrugia nee' Mifsud, fil-11 ta' Dicembru 1965 fl-Awstralja meta huwa kellu sebgha w ghoxrin (27) sena u hija dsatax (19).

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, fl-1968 u fl-1971 li llum maggorenni u mizzewga.

Illi sa mill-bidu taz-zwieg, huwa beda jinduna li l-konvenuta ma kienitx dik il-persuna li huwa kien haseb li kienet u l-imgieba taghha ma kenitx dik ta' mara li kienet dahlet ghaz-zwieg, lesta li tiehu hsieb u terfa' r-responsabilta' ta' dak li kienet dahlet ghalih, tant li l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg kien vizzjat minhabba qerq fuq kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga u dana fit-termini tal-**artikoli 19 (1) (c) tal-Att taz-Zwieg**.

Illi tul iz-zwieg il-konvenuta gabet ruhha b'mod li turi li hija ma kellhiex il-kwalitajiet biex tassumi l-obbligazzjonijiet ta' mara kollha mal-attur u kienet tonqos bl-agir taghha fid-doveri lejn zewgha u l-familjari taghha.

Illi l-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll anomalija psikologika serja li kienet taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dana fit-termini tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att taz-Zwieg**.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet iccelebrat fl-Awstralja fil-11 ta' Dicembru fl-1965:-

1. Huwa null u bla ebda effett u dana minhabba li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat peress li huwa kien imqarraq dwar kwalitajiet tal-konvenuta li fixklu serjament il-hajja mizzewga, bi ksur **tal-artikolu 19 (1) (c)**; u

2. Huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (d).**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-26 ta' April 1999; tas-6 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Lorraine Schembri Orland biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-26 ta' Mejju 1999 fejn gie eccepit:

1. Illi filwaqt li taqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-Awstralja fil-11 ta' Dicembru 1965 huwa null u bla effett, teccepixxi illi hi ma kenitx il-kawza ta' tali nullita' u li ghaldaqstant ma ghandhiex issofri spejjez;

2. Salv eccezzjonijiet ohra u bir-rizerva ta' kull dritt spettanti lill-esponenti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 ta' Ottubru 1999 u tas-16 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attur Michael Farrugia datata 13 ta' April 2000 li biha pprezenta affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tal-1 ta' Gunju 2000 u tal-4 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-18 ta' Jannar 2001 fejn esebiet affidavit taghha stess u iehor ta' Yvonne Mifsud.

Rat il-verbali tal-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002; tas-26 ta' Frar 2002; u tat-8 ta' Mejju 2002 fejn il-Perit Legali nfurmat lill-Qorti li rredigiet ir-rapport u kienet ser tipprezentah dakinhar stess.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland a fol. 29 sa 57.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002 il-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland halfet ir-rapport. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) IL-FATTI.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet gie iccelebrat fil-11 ta Dicembru 1965 fl-Awstralja, u gie debitament registrat f'Malta (certifikat Dok. "A" mac-citazzjoni) bin-numru progressiv 467/78. Il-partijiet kellhom rispettivament 27 u 19-il sena. Twieldu zewgt itfal miz-zwieg fil-1968 u 1971. L-gherusija taghhom kienet qasira hafna ta' ftit xhur qabel iz-zwieg. L-attur kien 9 snin akbar mill-konvenuta.

## (B) IL-PROVI.

Illi l**-Attur** fid-dikjarazzjoni tieghu kkonferma il-premessi msemmija fic-citazzjoni. F'para 5. hu stqarr li l-konvenuta kellha relazzjonijiet *extra* konjugali tul ir-relazzjoni kollha taghha mal-attur u kienet tonqos bl-agir taghha fid-doveri lejn zewgha u l-familjari taghha.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu ddikjara li kien iltaqa ma' martu madwar disa (9) xhur qabel iz-zwieg taghhom. Hu xehed li *"kemm domna gharajjes, hija dejjem kienet iggib ruhha bhallikieku riedet titlaq. Kont inkun dejjem jiena li nara li nirrangaw bejnietna jiena dakinhar kont inqis l-imgieba taghha bhal wahda li kienet tilghab "hard to get" mal-gharus. Illum nifhem li hija qatt ma apprezzat xi tfisser rabta taz-zwieg".*

Illi l-attur kompla jghid li kellhom zewgt itfal, David li twieled fil-1968 u Michelle li twieldet fil-1971. Hu stqarr li kien jigbor it-tfal mill-iskola u jiehu hsiebhom hu u anke jraqqadhom peress li l-konvenuta kienet iddum fuq ix-xoghol sas-sieghat bikrija ta' filghodu. Damu sejrin hekk ghal madwar seba' snin.

Illi l-attur iddeskriva kif il-konvenuta kienet imdejqa bil hinijet tax-xoghol. Kellha l-Hadd frank biss u dik il-gurnata kienet wahda tat-tindif. Dwar l-uzu ta' kontracettivi mill-konvenut, l-attur spjega li kien qabadha li kienet fuq il-*"Pill"* xi darbtejn. L-ewwel kien dakinhar tat-tieg stess u rrakkonta li kien skopra wara minghand missierha li hi kienet qed

tohrog ma' l-irgiel u missierha beza' li tispicca tqila. Fil-fatt, missierha kien hadha ghal xi testijiet.

Illi qabel ma gew Malta, l-attur kien sterilizza ruhu. Sussegwentement, gew lura fl-1975 u skopra li martu kellha habib, dak iz-zmien certu Lorry Cefai. Kienu argumentaw izda regghu lura flimkien wara li qaltlu li kienet telqitu lil dan Cefai. Darba minnhom sab lil martu flimkien ma' Cefai wahedhom fil-karrozza ta' Cefai u nqala' ncident. Skond l-attur, martu kellha diversi relazzjonijiet *extra* konjugali u kellu jbiddel in-numru tat-telefon tliet darbiet f'erba' snin peress li kien qed ikollha hafna telefonati f'kull hin. Il-konvenuta spiccat li telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma' Lorry Cefai.

Illi l-attur xehed dwar in-nuqqas ta' affidabilita ta' martu u t-tradimenti taghha. L-attur sar jaf li martu kellha relazzjoni mat-tifel tal-gar, u dana minkejja li kienet weghditu li ma tergax. Wara dan kien hemm certu Jerry Ciantar li kien jigi ghandhom spiss flimkien ma' wliedu. L-attur kien qabad lil martu bic-cavetta tal-*flat* ta' dan Jerry, li kien habib tieghu. F'dan iz-zmien kien qabad lil martu tiehu l- *"Pill"* darbtejn.

Illi hu xehed li martu telqet mid-dar diversi drabi u *"Alla jaf kemm qattajt ljieli nistenniha".* Hu stqarr li martu ghandha relazzjoni ma' Jerry Ciantar li ilha sejra sa mill-1983. Skond l-attur spiccat biex kecciet lil binhom mid-dar sabiex tkun fil-liberta'. Il-kontendenti kienu ilhom separati *de facto* mill-1994.

Illi **Miriam Cassar** prodotta mill-attur, xehdet li kienet gara tal-konvenuta meta kienet toqghod f'191 St. Angelo Street, Zejtun sal-1983. Hi kellha appogg komuni mad-dar tal-partijiet. Hi spjegat li hi kellha seba' hutha ohra fosthom huha Renald Gatt. Dan huha kellu 17-il sena meta ommhom bdiet tinkwieta peress li kien qabad hbiberija mal-konvenuta. Ix-xhud spjegat li ommha kienet tinduna li meta l-attur kien ikun telaq ghax-xoghol, il-konvenuta kienet tghajjat lil binha ghandha u kien jibqa' hemm sakemm jirritorna zewgha. Skond din ix-xhud *"din ma gratx darba, darbtejn, izda baqghet sejra ghal bosta snin.*" Ix-xhud kienet taf b'dan *di proprio* peress li dak iz-zmien kienet gharusa u kien jigi l-gharus taghha d-dar ta' ommha. Kienet tispicca mix-xoghol fis-2:30 p.m. u huha kien idum biex jirritorna minghand il-konvenuta.

Illi omm ix-xhud kienet tirrinfaccja lil binha biex isib tfajla tal-eta' tieghu izda kien jghidilha biex ma tindahallux. *"Hu kien jammetti li kien ikun ghand il-konvenuta."* Din il-hbiberija kienet gja' bdiet sa mill-1980 u damet ghaddejja sakemm ix-xhud izzewget fil-1983 u telqet mid-dar ta' ommha. Hi qalet li *"Naf li hija kien jidhol sa ghand il-gara jew mill-bieb tal-garaxx u anke kien jaqbez ic-cint tal-bejt fejn kellha l-appogg maghha ghax rajtu jien stess jaghmilha".*

Illi **l-konvenuta,** prodotta in subizzjoni xehdet li kienet taf lill-attur xi sentejn biss qabel ma zzewgu meta hi kellha 16-il sena u hu 9 snin akbar, ta' 25 sena. Dak iz-zmien kienu jghixu fl-Awstralja u l-attur kien gie jaghmel xi xoghlijiet id-

dar taghhom. Ha grazzja maghha u beda gej u sejjer fid-dar taghha. Missier il-konvenuta kien siefer lejn Malta fuq xoghol. Skond il-konvenuta, hi ma kellhiex grazzja mieghu imma ma qatghax qalbu.

Illi zammitu bhala habib u hu gja' kellu *girlfriend* izda beda johrogha maghhom. Kienu dejjem akkompanjati minn xi membru tal-familja tal-konvenuta tant li l-konvenuta kienet tikkonsidrah mhux *gharus*. Wara xi 6 xhur, l-attur darba minnhom harigha ghal *drive in movie* u poggiha hdejh u qallha li kien ser jitlaq lill-*girlfriend* li kellu. Fil-fatt bdew johorgu flimkien. Dejjem baqghu kienu jkunu akkompanjati minn xi membru tal-familja taghha.

Illi sadanittant kien mar joqghod ghandhom bhala *lodger* peress li kien jghix 'il boghod minnhom. Anke l-gharus ta' ohtha kien joqghod maghhom. Skond il-konvenuta, kienu jiggieldu ta' spiss u hassret l-gherusija kemm-il darba. Anke rritornatlu c-curkett li taha. Kien baqa' jghix maghhom u kienu jaghmlu il-paci. *"Nghid li jekk l-gherusija damet 18-il xahar, tant konna nieggieldu li 12-il xahar minnhom konna bil-glied."*

Illi f'Marzu 1965 izzewget ohtha u l-attur thajjar biex jizzewgu. *"Jien izzewwigt kontra l-volonta' tieghi. Qabel ma zzewget ohti, konna nitkellmu fuq iz-zwieg izda ma kellna xejn ippjanat."* Il-konvenuta spjegat ruhha: *"Jien kont inhossni ssikkata fid-dar tieghi. Qatt ma konna stajna nitkellmu jien u hu jew nohorgu minghajr akkompanjatur ghax ommi ma kenitx tafda lil hadd. Jekk inkunu qeghdin*

*naraw television kellu jkun hemm xi hadd bil-qieghdha fil-kamra. Ma stajniex noqghodu fejn xulxin. Konna zewgt ibniet u zewg subien. Imbaghad lehaq irritorna missieri minn Malta. Kien strett hafna kemm mal-bniet kif ukoll mas-subien”.*

Illi skond il-konvenuta, ddecidew li jizzewgu biss xi 3 xhur qabel it-tieg. Hi kellha 18-il sena u lil missierha ghamlithielu *ben fatt*. Missierha ma kellux pjacir bl-attur peress li kien staqsa fuqu meta kien Malta u sab li kellu huh f’Mount Carmel u missieru kien wehel il-habs. *”Jien ridt nehles mis-sikkatura tad-dar u lil missieri ghidtlu “take it or leave it”.* Hi spjegat li ma kellhiex hbieb guvintur qabel ma zzewget u ommha ma kenitx thalliha tohrog fil-ghaxija. Il-paga taghha kien jehodha kollha missierha u kien itiha biss ammont zghir fil-gimgha ghall-ispejjez tat-*train* u tal-*lunch.* Missierha kien jittratta fl-istess mod ma’ ohtha. Missierha baqa’ jiehu l-paga kollha taghha sakemm izzewget.

Illi ddecidew ukoll li hi kienet ser tiehu l-*pill* sakemm ihallsu id-dejn li kienu dahlu ghalih. Hi qalet ukoll *“nghid li ma nahsibx li hassejt imhabba ghalih (ghall-attur) izjed kont thassartu.”* Huma marru joqghodu ‘l boghod mid-dar tal-genituri taghha meta zzewgu. Il-konvenuta baqghet tahdem impieg mid-9:00 sal-5:00 p.m. Zewgha kien jivvjagga ghax-xoghol u gieli jorqod f’xi *motel*. Kellhom l-ewwel tarbija, David wara 3 snin ta’ zwieg u t-tieni tarbija wara 3 snin ohra. Skond il-konvenuta, wara t-twelid ta’ David, l-attur kien qallha li ma riedx izjed tfal u ma taha

ebda raguni. Hi waqqfet mill-*pill* ghax riedet tarbija ohra *ad insaputa* tieghu. Imbaghad regghet bdiet tiehu l-kontracettiv.

Illi eventwalment fil-1972 gew Malta ghal vakanza u saru jafu li ma setghux jixtru il-*Pill* hawnhekk. Ghalhekk l-attur iddecieda li jisterilizza ruhu. *"Jien nifhem li zewgi ma riedx izjed tfal ghax kien kuntent li l-ewwel tarbija kien tifel, allura nikkonkludi li dan kien effett ta' l-egoizmu tieghu".*

Illi fil-bidu tal-hajja mizzewga, huma ma tantx kellhom hin ghal xulxin peress li it-tnejn kienu jahdmu u meta kien ikun id-dar, l-attur kien jghaddi hafna hin fil-garaxx. Skond il-konvenuta, izda, xorta kienu jiftehmu fuq l-affarijiet tal-hajja. Fil-1972 xtraw dar f'Malta u rritornaw lejn l-Awstralja biex ifaddlu biex ihallsuha u gew f'Malta ghal kollox fl-1975. Hi kienet tahdem fi Sptar bil-lejl u tiehu hsieb it-tfal matul il-gurnata.

Illi l-konvenuta cahdet li qatt kellha wicc haddiehor. "*Lanqas jekk ridt, ma kellix hin*." Meta mbaghad gew Malta, hi ammettiet li kellha relazzjoni ma' ragel iehor. L-attur kien icempel ta' spiss u beda jfittxilha l-passi. Din ir-relazzjoni bdiet meta kienu ilhom xi 5 snin Malta. Hi xehdet li l-attur minn dejjem kien jghir ghaliha anke meta kienu l-Awstralja u kien icempel fuq ix-xoghol.

Illi mistoqsija kif din l-ghira wasslitha biex ikollha relazzjoni ma' ragel iehor, hi xehdet li zewgha ma kienx johrogha, ma kenitx kuntenta mieghu u bis-sikkaturi li kien jaghmillha. "*Bqajt mieghu ghax kelli t-tfal u kelli noqghod ghalhekk.*

*Nikkonferma li kelli nizzewweg biex nohrog mid-dar tal-genituri tieghi. Min-naha tieghi qatt ma zviluppat imhabba ghalih, u nahseb lanqas min-naha tieghu ghalija. Hu ried xi hadd biex jehodlu hsieb id-dar, it-tfal u isib l-ikel lest."*

Illi kompliet li *"ma l-ewwel opportunita bdejt relazzjoni ma' ragel iehor. Nishaq li dejjem ghamilt dmirijieti fid-dar u anke lejn il-genituri tieghi li kont jien indur bihom meta kienu morda".*

Illi l**-attur** in kontro-ezami, xehed li kienu zzewgu wara xi ftit xhur jew anke gimghat li kienu jkohrogu flimkien. Hu kkonferma li kellhom gherusija qasira hafna ta' ftit xhur u kkonferma wkoll li omm il-konvenuta kienet iddixxiplinata hafna maghhom u ma thallihomx johorgu pass wahidhom. "*Nghid ukoll li ommha kienet kwasi ossessjonata li ma thallinhiex ikollna kuntatt fiziku u lanqas biss kont stajt navvicinaha meta konna nkunu bil-qieghdha hdejn xulxin. Kemm jien u kemm il-konvenuta hassejna ruhna ssikkati izzejjed u ddejjaqna b'din is-sitwazzjoni u ridna l-liberta taghna".* Fil-fatt maz-zwieg mill-ewwel hargu mid-dar tal-genituri taghha minkejja li darhom kienet ghadha vojta. Tant kienet iddixxiplinata li missierha kien anke hadha taghmel *virginity test* qabel iz-zwieg.

Illi dwar l-isterilizzazzjoni l-attur xehed li ghamel hekk biex ma jkollhomx aktar tfal u ried jaccerta ruhu li jekk il-konvenuta tohrog tqila ikun jaf bic-cert li hu mhux il-missier. Skond l-attur, it-tnejn ftehmu li jaghmel din l-operazzjon

izda hu ma kienx qal lill-konvenuta li r-raguni tieghu kienet biex ikun cert dwar il-paternita'.

Illi l-attur kkjarifika li l-konvenuta kienet telqet mid-dar ghal xi 27 lejl u mhux 27 darba u f'okkazjoni minnhom li damet barra xi 7 ijiem. Aktar tard iddepona li kienet telqet xi 18-il darba. Meta kienet titlaq, ma kienetx thallilu fejn isibha u kien imur ifittixha Bugibba ghand il- genituri taghha izda ghalxejn.

Illi hu spjega li meta kienu jghixu fl-Awstralja kienu jaraw lil xulxin biss fil-*weekends*. Hu stqarr li kellu hbiberija ma' mara ohra presenzjalment, liema hbiberija bdiet wara s-separazzjoni tieghu minn ma' martu.

Illi minkejja li kellhom problemi bejniethom, meta martu sfat imwegga' f'incident serju meta kkollassa is-saqaf tas-*supermarket Save On* kien jiehu hsiebha kemm seta' jippermettilu x-xoghol. Kienu jghinu wkoll habiba taghha u r-ragel taghha li, skond l-attur, illum jghid li qed tghix mieghu. Meta gara l-incident, hu gja kien issuspetta li kellha relazzjoni ma' terza persuna ghax kien qabadha f'karozza ma' certu Lorry Cefai. Huma spiccaw li sseparaw fil-1994 bonarjament.

Illi **l-konvenuta** in kontro-ezami cahdet li kellhom *lodgers* maghhom ghajr l-attur u l-gharus ta' ohtha. Cahdet li zewgha kellu xi suspett dwar il-fedelta taghha qabel ma gew Malta. Skond hi, waqfet li tiehu il-*pill* meta zewgha ghamel l-operazzjoni ta' sterilizzazzjoni.

Illi **Liliana Farrugia** xehdet ukoll permezz ta' affidavit fejn qalet li kienet iltaqghet mal-attur fid-dar tal-genituri taghha l-Awstralja meta gie biex jirranga xi hsara fl-elettriku. Hu mbaghad baqa' gej u sejjer id-dar taghhom. Kien gja' gharus u ghamlu zmien johrogu mieghu u mal-gharusa. Ghalkemm kien gharus kien jittantaha. Sussegwentement telaq lill-gharusa u baqa' jigi d-dar u staqsiha biex johorgu.

Illi wara xi sitt xhur li kienu qed johorgu flimkien ommha ddecidiet li jdahhluh jghix maghhom bhala *boarder*. Missierha kien Malta dak iz-zmien u ghamel ricerka fuq il-familja tal-attur u sab li kellu lil huh f'Mount Carmel. Hi stqarret li minnhabba f'hekk, il-genituri taghha ma riduhiex tizzewweg.

Illi hi kompliet tiddeskrivi s-sikkatura li kienet qed tghix fiha qabel ma zzewget b'dan il-mod:-

*" Imma minhabba s-sikkatura li kelli d-dar, kont iddecidejt li nizzewweg halli inkun nista' nitlaq mid-dar. Nghid ukoll li ohti Miriam izzewget f'Marzu u peress li konna nghixu id-dar, meta rajna il-liberta' li kellha ohti wara li zzewget u telqet, riedna naghmlu bhalhom. Nghid ukoll li peress li jiena biss bqajt tifla d-dar, l-attenzjoni tal-mama' kienet issa kkoncentrata fuqi."*

Illi l-konvenuta kompliet: "*Ommi ma kenitx thallina nohorgu, jekk naraw it-television toqghod bil-qieghdha hdejna, u hafna affarijiet ta' din ix xorta".* Kellhom jisselfu l-flus minghand missierha peress li, skond hi, l-attur kien

jilghabhom il-flus. Kien jilghab *poker* u wara z-zwieg kien jittanta l-lottu u s-*super five etc*.

Illi b'riferenza ghall-kontracettivi, l-konvenuta xehdet li hi u zewgha ddecidew qabel iz-zwieg li hi tiehu l-*Pill* biex ma jkollhomx tfal mill-ewwel. David twieled wara 3 snin ta' zwieg. Skond il-konvenuta, ir ragel imbaghad ma riedx tfal izjed izda madanakollu kellhom lil Michelle. Ftakret li l-attur kien irrabja hafna meta tatu l-ahbar li harget twila.

Illi waqt iz-zwieg kellhom ftit li xejn djalogu. Sa mill-bidu, zewgha kien iqatta' l-hin kollu tieghu fil-*garage* u l-komunikazzjoni bejniethom kienet l-aktar ghall-bzonnijiet. Baqghu hekk tul il-hajja mizzewga taghhom. Kienet tiehu hsiebhom hi t-tfal u jekk kellha bzonn ta' xi haga, zewgha kien jghidilha biex tmur ghand ommha.

Illi meta twieldet Michelle, anzi dakinhar stess, l-attur qallha li kellhom jaraw x'ser jaghmlu ghax ma riedx aktar tfal. Marru ghand it-tabib li ssuggerixxa li l-attur jisterilizza ruhu. Hi xehdet li l-attur ried li hi tghaddi minn din il-procedura imma hi ma riedetx.

Illi kompliet fl-affidavit billi rreferiet ghall-incident li kienet sfat imwegga' fiha meta sfronda is-*Save On Supermarket* u spiccat paralizzata minn qaddha 'l fuq ghal erba' (4) xhur. L-attur tela' maghha ghal operazzjoni fl-Ingilterra, izda appena dahlet fl-Isptar, hu rritorna Malta u halliha hemm*. "Jien dan ma kontx qed nistennih."*

Illi hi xehdet li l-attur kien jehodha d-dar tal-hbieb taghhom Jerry u Bella. Bella wkoll kienet wegghet u Jerry kien jiehu hsiebhom it-tnejn billi jsajrilhom u jwassalha ghall-*physiotherapy.* Hi cahdet li telqet mid-dar 27 darba imma telqet darba u wara gimgha irritornat. Fil-1994 kienet marret iddur mal-genituri taghha f'Bugibba u meta rritornat sabet is-serratura tad-dar mibdula*. "Jien ma tlaqtx mid-dar imma ma stajtx nidhol lura."* Hi fil-fatt indunat li l-attur kellu lil xi hadd peress li meta marret id-dar qabel ma biddel is-serratura sabet id-dar nadifa.

Illi **Yvonne Mifsud**, omm il-konvenuta, u prodotta minnha xehdet bl-affidavit taghha xehdet li l-attur ghall-bidu kien jidher mill-ahjar imma wara xi zmien qisu sfratta kollox*. "Hu qatt ma kien jaghti kaz lil martu kienet dejjem hi li tiehu hsieb kollox".* Hi xehdet *"Nghid li jien u zewgi minn dejjem konna skrupluzi u konna dejjem stretti (strict) mat-tfal taghna specjalment mal-bniet…. Meta Michael kien qed jghix maghna ahna konnha noqghodu b'seba' ghajnejn fuqhom. Konna nwissuhom li jekk jaghmlu xi bicca nkeccuhom mid-dar. Nghid ukoll li dak iz-zmien ghalkemm Michael kien biezel, ma kienx ikollu flus f'idejh. Liliana minn dejjem kienet tahdem anke waqt iz-zwieg ghax ir-ragel taghha qatt ma halliha toqghod id-dar".*

Illi l-istess xhud stqarret li kellha d-dubji dwar iz-zwieg ta' bintha mal-attur. Qalet lil bintha biex tahsibha qabel ma taghmel il-pass taz-zwieg. Meta hi u zewgha gew lura, ghamlu xi sena joqghodu mal-kontendenti u hi ftakret li l-attur kien jidhol id-dar biex jiekol u jorqod biss. Bintha

kienet dejjem id-dar, tiehu hsieb it-tfal u tghinhom fil-*homework*. *"Mill-banda l-ohra hu dejjem kien qisu biered fuq it-tfal".* Hi kkonfermat li l-konvenuta kienet titla' sa Bugbba iddur biha u b'zewgha u fl-ahhar giet toqghod maghha flimkien ma' binha David.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq tliet kawzali, cjoe':-
(a) vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenuta minhabba difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju taghha a tenur tal-**artikolu 19(1)(d) tal Kap 255**;

(b) kif ukoll inabilita' *da parte* tal-konvenuta li tassumi l-obbligazzjonijiet u d-dmirjiet essenjali tal-hajja mizzewga.

(c) L-attur ukoll qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga skond l-**artikolu 19(1)(c)**.

## (i) DIFETT FID-DISKREZZJONI TAL-GUDIZZJU - ART 19 (1) (d) KAP 255.

Illi **l-artikolu19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi iz-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. *(vide* **"Angela Spiteri nee Selvaggi *vs* *Joseph Spiteri"*** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, rriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li :-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Colagiovanni – Forum** 1990, Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma*

*non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46)***.***

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonskisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cioe:-

- *La piena avvertenza*
- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva."…*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita affettiva ………la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio).* ***(Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".* ***(Viladrich , P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "*** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

- *"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

- *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

- *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

- *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 **coram Bajada** . Forum 2 (1991) pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li *"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* " **(*Bruno*,** 30 ta' Mejju 1986 ***"Monitor ecclesiasticus LXII"*** (1987) 542/543).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

**(ii) QERQ.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious*

*disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li ghandha taqbel mal-perit legali Dr. Lorraine Schembri Orland li ma giex ippruvat sodisfacentement li l-konvenuta kienet qarrqet bl-attur dwar xi kwalita' taghha u ghalhekk l-esponenti mhiex ser tittratta dwar din il-kawzali.

Illi lanqas ma jirrizulta li l-konvenuta kienet afflitta b'inkapacita' li tassumi l-oneri tal-hajja mizzewga.

Illi stabbiliti dawn il-principji, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali dwar in-natura tal-provi prodotti quddiemha u fil-fatt jirrizulta li l-partijiet mhumiex konkordi fuq diversi aspetti tal-hajja mizzewga taghhom.  L-attur jixhed li kien hu li kien jiehu hsieb il-familja, specjalment lit-tfal, filwaqt li, skond il-konvenuta, il-piz tat-trobbija tat-tfal kien waqa' fuqha minkejja l-hinijiet twal li kien jirrikjedi x-xoghol taghha.  Dan ir-rwol tal-konvenuta hu, fil-fatt, ikorroborat minn ommha stess.

Illi, izda, il-partijiet, minn naha l-ohra, qed jaqblu fuq il-mod kif ghaddew il-ftit xhur ta' gherusija taghhom.  L-gherusija taghhom kienet, fil-fatt qasira hafna, u ddettata mic-cirkostanzi iktar minn dik ta' l-imhabba vera u profonda li hu normali f'koppja li qed tikkortegga.  Il-fatt li omm il-konvenuta ddecidiet li ddahhal lill-attur sahanistra jghix maghhom bhala *boarder* jispira l-konvinzjoni li ommha riedet izzomm kontroll fuqhom f'kull hin u kull mument – atteggjament li gie kkonfermat minghajr tlaqlieq mill-istess omm fl-affidavit taghha.  Il-koppja lanqas setghu jiccaqalqu minghajr *chaperone* u meta raw lil oht il-konvenuta tikseb il-liberta biz-zwieg, din it-triq ipprezentat ruhha bhala l-unika soluzzjoni ghall-konvenuta biex hi ukoll tehles mis-sikkaturi li kienet qed tghaddi minnhom.

Illi ghalkemm il-konvenuta kienet gja' qed tahdem u kellha ghalhekk l-opportunita' li tkun indipendenti, dan ma setghax isehh peress li missierha kien igieghelha tghaddilu l-paga kollha u jtiha biss somma zghira bizzejjed ghat-trasport.  Hi ma riedetx tizzewweg u hi u l-attur lanqas ghamlu pjanijiet

ghall-hajja mizzewga. Malli kellha 18-il sena, skond ix-xhiedha taghha qalet li *"jien ridt nehles mis-sikkatura tad-dar u lil missieri ghidtlu "take it or leave it."*

Illi mix-xhiedha tieghu, l-attur ma jaghtix deskrizzjoni ta' hajja mizzewga felici u f'unjoni. Mill-assjem ta' xhieda, anzi, johrog l-oppost – li l-partijiet kienu qishom zewg barranin jikkoabitaw u jiltaqghu biss meta jippermetilhom li jaghmlu hekk il-hinijiet ta' xoghol taghhom. Ma kienx hemm djalogu jew hajja familjari fimkien. L-attur ma jaghtix immagni felici ta' dawk l-ewwel snin u l-konvenuta stqarret li hi ma kenitx thobbu.

Illi l-attur sahaq hafna fuq il-kwistjoni tal-kontracettivi izda l-konvenuta tispjega dan billi tghid li t-tnejn qablu li ma jkollhomx tfal ghal bidu. It-tezi tal-attur li missierha kien hadha ghal xi testijiet ma jwassal imkien peress li gja' jirrizulta li missier il-konvenuta kien strettissimu maghha u jekk verament hadha ghat-testijiet, dan kien jikkostitwixxi ezempju iehor tad-dixxiplina severa ta' missierha.

Illi kemm il-konvenuta, kif ukoll ommha semmew il-fatt li l-attur ma kienx ikollu flus ghalkemm kien biezel, u dan il-fatt l-konvenuta tattribwih ghall-loghob tal-azzard. Madanakollu dan ma jirrizultax pruvat u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-perit legali anke f'dan l-apsett li ma jistax jinghata piz ghal din l-allegazzjoni.

Illi fic-cirkostanzi l-perit legali, Dr. Lorraine Schembri Orland, kkonkludiet li "*c-cirkostanzi antecedenti ghaz-zwieg, u cjoe', is-severita' tad-dixxiplina tal-genituri taghha*

*u x-xewqa kbira taghha ghall-liberta permezz taz-zwieg, kienu tali li wasslu sabiex il kunsens taghha ikun vizzjat b'difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**".*

Illi din il-Qorti thoss li l-istess perit legali ghamlet espozizzjoni sew hafna tal-istess tal-ligi u tal-applikazzjoni tal-istess ghall-provi esposti quddiema, u ghalhekk din il-Qorti taddota 'in pien l-istess konkluzjonijiet peritali, taddottahom u taghmilhom taghha, tant li gew inkorporati f'din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u dan in kwantu kontrastanti mat-talbiet attrici u fil-waqt li tichad l-ewwel talba attrici *stante* li ma gietx ippruvata, **tilqa' t-tieni talba attrici** b'dan illi:-

(2) Tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet celebrat l-Awstralja fil-11 ta' Dicembru 1965 huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (d).**

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002.**